# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 26 ta' April, 2001**

**Numru: 4**

**Citazzjoni Numru: 1687/93 JF**

**Raquel Cauchi, xebba.**

**vs**

**Emanuel Borda**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attrici li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi permezz ta' skrittura privata datata 4 ta' Mejju 1993 (Dokument A), l-attrici akkwistat b'titolu ta' lokazzjoni minghand il-konvenut il-fond 26, Marina Street, Marsascala sabiex tadebih bhala "takeaway";

U premess illi l-attrici kkonkludiet l-istess ftehim minhabba l-assikurazzjoni li taha l-konvenut, li hu nvolut politikament mal-partit Nazzjonalista li qieghed imexxi l-Gvern, li ma kien hemm assolutament ebda problema sabiex tinhargilha l-licenzja ta' "takeaway" u sahansitra kompla kkonvinciha li kien ser jiehu hsieb hu sabiex jithabat ghaliha biex jinhareg il-permess necessarju;

U premess illi ghalhekk minhabba din l-assikurazzjoni, l-attrici ffirmat il-ftehim fuq imsemmi u hallset lill-konvenut mal-ftehim is-somma ta' erbat elef liri Maltin (Lm4,000) akkont ta' somma akbar u bdiet tirranga l-fond u ghamlet diversi xoghlijiet fih fl-ammont ta' hames mitt lira (Lm500);

U premess illi sussegwentement l-attrici skopriet li l-permess minnha mitlub ghal-licenzja ta' "takeaway" ma setghax jintlaqa' (Dok B u C) minhabba ragunijiet ta' "current policy" li milli jidher kienet ilha tezisti ghal zmien konsiderevoli qabel ma gie iffirmat il-ftehim ta' lokazzjoni;

U premess illi ghalhekk il-kunsens tal-attrici meta ffirmat il-ftehim ta' lokazzjoni kien vizzjat minhabba zball ta' fatt u tal-ligi u inoltre gie indott b'qerq dapparti tal-konvenut;

U premess illi inoltre sakemm giet infurmata bir-rifjut, l-attrici kienet lahqet hallset lill-konvenut is-somma ta' mitejn sitta u sebghin lira (Lm276) bhala kera ghall-perjodu mill-1 ta' Gunju sal-31 ta' Awissu 1993;

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara null u bla effett l-iskrittura ta' lokazzjoni ffirmata mill-attrici mal-konvenut fl-4 ta' Mejju 1993 minhabba zball ta' fatt u tal-ligi u minhabba li l-kunsens taghha gie indott b'qerq mill-konvenut;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attrici s-somma ta':
   a) Erbat elef lira (Lm4,000) minnha mhallsa skond il-klawsola hamsa (5) tal-iskrittura;
   b) Hames mitt lira (Lm500) spejjez sborzati minnha f'tiswija u benefikati fil-fond in kwistjoni; u
   c) Mitejn sitta u sebghin lira (Lm276) kera tal-fond imhallsa ghall-perjodu mill-1 ta' Gunju sal-31 ta' Awissu 1993.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri interpellatorji datati 3 ta' Settembru 1993 u 22 ta' Settembru 1993, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju datat 17 ta' Novembru 1993 u bl-imghax legali fuq is-somma ta' erbat elef lira (Lm4,000) mill-4 ta' Mejju 1993 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Borda fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-ftehim huwa validu u legalment vinkolanti fuq il-partijiet, ma gie ezercitat l-ebda qerq da parti tal-istess eccipjenti, ma saret l-ebda weghda min-naha tieghu u ma kien hemm l-ebda patt jew kundizzjoni ohra li ma tirrizultax mill-patti espressi tal-istess ftehim;

2. Illi, inoltre dan, u bla pregudizzju ghall-premess, l-attrici kellha kull opportunita' tikkonstata l-fatti kollha relattivi ghall-hanut mertu tal-kaz qabel ma ffirmat, inkluz il-fatt li l-hanut ma kellux permessi;

3. Illi l-eccipjenti qatt ma assuma xi obbligu li jikseb il-permessi mehtiega, u b'mod assolut jichad li qatt ta assikurazzjoni li seta' juza xi influwenza fuq xi hadd biex jinhareg il-permess;

4. Illi kienet l-attrici li naqset li twettaq l-obbligazzjonijiet minnha assunti skond l-istess ftehim, u ghal dan il-fini qeghda titressaq kontestwalment l-opportuna kontro-talba ghar-rigward;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut Emanuel Borda fejn wara li ippremetta hekk:

Illi bi skrittura privata tal-4 ta' Mejju, 1993, l-esponenti kera lill-konvenut il-fond numru sitta w ghoxrin (26), Triq il-Marina, Wied il-Ghajn, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm indikati;

U premess li l-kirja kellha ssir bil-kera ta' tliet liri (Lm3) kuljum ghall-ewwel sena;

U premess li kien hemm miftiehem ukoll li l-attrici thallas rigal lill-esponenti ta' sitt elef lira (Lm6,000), li minnu hija hallset erbat elef lira (Lm4,000) akkont mal-iffirmar tal-ftehim, u l-bilanc ta' elfejn lira (Lm2,000) kellhom jithallsu sal-erbgha (4) ta' Novembru, 1993, dejjem skond l-imsemmi ftehim;

U premess li l-attrici naqset li thallas l-imsemmi bilanc ta' elfejn lira (Lm2,000), kif stabbilit;

U premess li l-attrici naqset ukoll li thallas l-iskadenzi ta' kera dekorribbli mill-ewwel (1) ta' Settembru, 1993, sal-lum, liema arretrati ta' kera jammontaw ghal hames mija u tlieta w erbghin lira (Lm543);

U premess li l-attrici naqset li thallas l-ammonti minnha dovuti, ghalkemm interpellata, anke permezz ta' ittra ufficjali;

Talab li din il-Qorti:

1. Tikkundannaha thallas lill-esponenti s-somma ta' elfejn lira (Lm2,000), rapprezentanti l-bilanc minn somma akbar ta' ammont miftiehem bhala rigal dovut lilu in konnessjoni mal-koncessjoni b'lokazzjoni tal-imsemmi hanut;

2. Tikkundannaha thallas lill-esponenti s-somma ta' Lm543, lilu minnha dovuti skond l-imsemmi ftehim bhala arretrati ta' kera tal-istess hanut b'effett mill-iskadenza li bdiet fl-ewwel ta' Settembru, 1993;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Frar, 1994, bl-imghaxijiet legali u l-penali dekorribbli kif indikat fl-istess ftehim u

b'riserva ta' kull azzjoni ta' danni spettanti lill-esponenti fil-konfront tal-attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn eccepixxiet:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-iskrittura in kwistjoni hija nulla u bla effett minhabba vizzju tal-kunsens tal-attrici minhabba zball ta' fatt u tal-ligi u minhabba li l-kunsens tal-attrici gie indott b'qerq ppratikat mill-konvenut.

B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u l-affidavits li gew pprezentati;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata ezawrjentement il-kawza;

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li l-partijiet kontendenti kkonkludew u ffirmaw bejniethom skrittura privata in data tal-4 ta' Mejju 1994 (ara Dok A, a fol. 6 – 7 tal-process) bl-iskop li l-fond numru sitta u ghoxrin (26), Marina Street, Marsascala, jintuza bhalal "Take-Away" b'dawk il-kundizzjonijiet inkorporati fl-imsemmija skrittura;

Jirrizulta li wara li l-fond kummercjali de quo ghadda fil-pussess ta' l-attrici, hija, bil-ghajnuna ta' missierha Joseph Cauchi, li originarjament kien ser jidher hu bhala parti kontraenti, u Raymond Brincat, l-gharus taghha, involut ukoll fin-negozjati pre-kontrattwali, qabdet mill-ewwel tirranga l-post u fl-istess waqt impenjat ruha biex jinhargu l-permessi necessarji mill-awtoritajiet kompetenti. Fil-fatt, dan il-post kien in precedenza adibit bhala hanut tal-gojjelleria u mhux bhala hanut 'catering'. Jirrizulta li l-attrici bdiet topera mill-fond bhala "take-away outlet" fil-pendenza tal-ghoti jew hrug tal-permessi kollha li kienu mehtiega u dan sakemm deher ilment ippubblikat fil-harga tal-gazzetta "It-Torca" dwar dan il-fond. Raymond Brincat, f'isem l-attrici avvicina lill-konvenut dwar il-problema li kellhom li l-permess kien ghadu ma nhargilhomx. Skond il-konvenut kien hawn l-ewwel darba li hu ndahal biex jghinhom dwar il-hrug tal-permess ghaliex mill-bqija hu dejjem xehed fejn cahad kategorikament li qatt tahom xi assigurazzjoni li l-permess bhala "take-away" kien ser jinhareg zgur. Ghal kuntrarju, l-attrici u x-xhieda taghha jsostnu li huma ghamlu l-ftehim ghax kienu gew

accertati mill-konvenut li ma kienx ser ikun hemm problemi dwar il-hrug tal-permessi kollha necessarji. Fil-fatt pero' l-permess dwar "take-away" ma nharigx mill-ewwel u dana peress li jirrizulta li wara l-applikazzjoni tal-attrici giet ipprocessata, hija giet infurmata li kien hemm rifjut da parti tal-Hotel and Catering Establishments Board (HCEB) li trattandosi ta' lokalita' turistika, kien hemm "policy" fis-sehh "not to accept new applications for 'take-away' establishments in tourist areas". Ir-rifjut ma kienx wiehed assolut billi l-Bord de quo zied jinforma lill-attrici li kein lest jaccetta u jipprocessa applikazzjoni jekk l-l-attrici tikkonferma "that the premises would be upgraded to conform with Third Class Snack Bar Specifications". Peress li l-attrici xehdet li l-uniku skop ghat-tehid tal-fond kien biex jintuza bhala "take-away", hija finalment iddecidiet li taghlqu. Hija waqfet milli tkompli tonera l-bqija tal-kundizzjonijiet kuntrattwali ghal dak li jikkoncerna hlas ta' kera u bilanci ohra li kienu ghadhom dovuti lill-konvenut, u iddepozitat ic-cwievet tieghu l-Qorti, u harrket lill-konvenut bl-iskop li tannulla l-iskrittura surreferita ta' lokazzjoni "minhabba vizzju tal-kunsens tal-attrici minhabba zball ta' fatt u tal-ligi u minhabba li l-kunsens taghha gie indott b'qerq mill-konvenut". Hija ghalhekk, u konsegwentement talbet ir-rifuzjoni tas-somma mhallsa skond klawsola 5 tal-ftehim fl-ammont ta' Lm4,000; kif ukoll Lm500 rapprezentanti spejjez sborzati min-naha taghha f'tiswijiet u benefikati; u rifuzjoni ta' kera gja' mhallsa ta' Lm276.

Min-naha tieghu, il-konvenut jichad li l-iskrittura kienet invalida jew li kie gie ppratikat xi eghmil qarrieqi da parti tieghu. Fil-fatt ukoll il-konvenut ressaq kontro-talba tieghu, bazata fuq l-obbligi kontrattwali naxxenti mill-iskrittura de quo u avanza pretensjoni ta' danni li komplessivament tlahhaq is-somma ta' sebat elef mitejn u sitta u hamsin lira Maltin (Lm7,256) kif elenakat dettaljatament fil-prospett ipprezentat mill-konvenut – ara Dok EBD, a fol. 285 tal-process).

Jirrizulta mill-provi li l-attrici ippruvat li fin-negozjati pre-kontrattwali, l-intendiment kien li l-fond inkera biex jigi adibit biss bhala "take-away" u li l-kliem uzat li l-inkwilin jista' juza l-fond "as a take-away or any other line which may be agreed upon by both paties" tnizzel mill-konvenut. Il-konvenut xehed li dan il-kliem ziedu ghax mill-esperjenza tieghu gara kemm-il darba li inkwilin jibdel il-fehma tieghu dwar il-generu u li ghalhekk kienet koncessjoni addizzjonali min-naha tieghu u xejn aktar. Jirrizulta wkoll li bhala fatt dan il-ftehim gie redatt mill-konvenut. Hemm nuqqas ta' qbil dwar kemm kien hemm inkontri qabel gie ffirmat il-ftehim imma minn dak li xehdu l-partijiet, il-verzjoni moghtija in kontro-ezami mill-konvenut, b'kuntrast specjalment ma' dak li xehed in kontro-ezami Joseph Cauchi, missier l-attrici, hija l-aktar wahda verosimili u attendibbli. Il-konvenut isemmi erba' (4) inkontri u dan ukoll billi wara li huwa kien hejja l-ewwel abbozz, huwa wrieh u ghaddih lill-kontro-parti biex jezaminawh u jehduh ghand l-avukat taghhom ta' fiducja. Fil-fatt

jirrizulta li l-attrici, jew xi hadd ghaliha, ha l-abbozz ghand in-nutar Marco Farrugia – li ma giex pero' prodott bhala xhud – u l-attrici u missierha gew lura ghand il-konvenut b'xi emendi li gew inkorporati debitament min-naha tal-konvenut. Xi whud minn dawn l-emendi kienu ta' natura sostanzjali ghaliex kienu jinvolvu bdil, bhala komparenti kontraenti, minn isem Joseph Cauchi ghal isem Raquel Cauchi, bintu jigifieri, filwaqt li l-emendi l-ohra kellhom x'jaqsmu mal-modalitajiet dwar hlas tal-"premium" u hlas ta' kirjiet.

Punt importanti li gie kkontestat sew bejn il-kontendenti jirrigwarda l-assigurazzjoni o meno da parti tal-konvenut dwar il-permess mill-awtoritajiet kompetenti biex il-fond jintuza bhala "take-away". Il-Qorti, wara li qieset sew id-depozizzjonijiet moghtija u l-provi li gew prodotti mill-partijiet ma hijiex tal-fehma li hemm raguni valida fil-ligi l-ghala l-iskrittura ta' lokazzjoni <u>de quo</u> ghandha tigi annullata. Il-provi effettivament juru li l-attrici kienet pjenament edotta mill-fatt li sal-mument li hija giet biex tiffirma, u fil-fatt ukoll sa wara li hija ffirmat l-iskrittura u bdiet bix-xoghlijiet ta' "refurbishment" tal-fond, li permess kien ghadu ma hemmx. Tant hu hekk li <u>wara</u> l-iffirmar ta' l-iskrittura <u>de quo</u> missierha mar japplika f'isimha u r-"refusal" mill-HCEB wasal wara. L-iskrittura, ankorke' redatta mill-konvenut, ma ssemmi assolutament xejn dwar xi kundizzjoni fis-sens li l-kirja kienet soggetta ghall-ghoti o meno tal-permess bhala "take-away" mill-awtoritajiet kompetenti. Min-naha

tieghu l-konvenut xehed kategorikament li ghalkemm huwa kien weghdhom li jghinhom b'kull mod li seta' – mhux pero' kif premess mill-attrici billi jinqeda b'xi legami politici li kellu, fatt li baqa' mhux pruvat – huwa kien ghamilhielhom cara li dwar kwistjoni ta' permessi din ma kienetx responsabbilta' tieghu u kien ghalhekk li ma tissemmix fil-kitba l-ghaliex tali assigurazzjoni qatt ma giet miftiehma. Mistoqsija direttament ghaliex tali kundizzjonijiet, jekk tassew giet miftehma ukoll, jigifieri li l-permessi kienu ser jingiebu mill-konvenut jew li ser jinhargu zgur, l-attrici wiegbet li ma kienetx taf l-ghala tali kundizzjoni ma tnizzlitx ukoll (fol. 196). Ix-xhud Raymond Brincat, prodott mill-attrici, xehed fis-sens li l-konvenut kien ippromettielhom li kif kien ghen diversi nies lilhom kien ser jghinhom ukoll. Fil-fatt, il-provi juru li probabilment fil-mument li giet iffirmata l-iskrittura kemm naha u kemm ohra ma kellhiex l-idea li kien ser ikun hemm intopp dwar l-ghoti ta' permess bhala "take-away". Billi pero' ma jirrizultax li kien hemm xi kundizzjoni marbuta ma' dan il-hrug ta' permess fl-iskrittura <u>de quo</u>, u billi ma kienx hemm l-assigurazzjoni li tant sahqu fuqha l-attrici u x-xhieda taghha, din il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm zball ta' fatt u ta' ligi u lanqas kien hemm xi qerq min-naha tal-konvenut. Anzi l-provi juru sew il-kuntrarju. Jirrizulta mhux biss li saru diversi inkontri – erbgha b'kollox – imma wkoll li l-attrici hadet iz-zmien taghha biex tezamina u tikkonsulta ruhha dwar l-iskrittura li kienet sejra tiffirma. Fil-fatt, originarjament, kif gja' intqal <u>supra</u>, jidher li missierha Joseph Cauchi kellu jidher bhala inkwilin u mhux bintu. Il-fatt

li l-attrici jew missierha minflok marru jikkonsultaw ruhhom ma' nutar u mhux ma' avukat m'ghandux jittiehed bhala xi argument favur it-tezi ta' l-attrici kif donnu jargumenta l-legali taghha ghax "volenti non fit iniuria". Jekk kien hemm permessi x'jinhargu u jekk kien hemm xi accertamenti li kellhom isiru kien jinkombi maggorment fuq l-attrici li taghmilhom, fin-nuqqas ta' kundizzjoni jew kundizzjonijiet espliciti jew <u>ad hoc</u> li jorbtu lill-parti l-ohra kontraenti. Ghandu jigi wkoll rilevat li bhala fatt, imqar jekk wara d-dekors ta' diversi xhur u nel frattemp jidher li l-attrici tilfet l-interess li kellha f'dina l-intrapriza, li fl-ahhar mill-ahhar il-"policy" tal-H.C.E.B. riferibbilment ghal-lokalita' ta' Marsascala nbidlet u li kieku l-attrici baqghet tistenna, il-permess kien x'aktarx jinhargilha – dan jemergi mix-xhieda moghtija minn Joseph Lanzon, Chairman tal-H.C.E.B. Rinfaccjata b'dan l-izvilupp, l-attrici, permezz tal-legali taghha, ghamlet il-verbal segwenti fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 1995 (a fol. 141 tal-process),

> *"Dr. A. Libreri ghall-attrici, ghal kull buon fini jirrileva li minkejja li kien hemm 'change in policy' li bih illum tista' tintaqa' applikazzjoni ghal 'Take-Away', peress li ghaddew aktar minn sena u nofs minn meta l-attrici giet rifjutata l-applikazzjoni taghha ghall-imsemmija 'change of policy', l-istess attrici fil-frattemp kellha bilfors taghmel pjanijiet ohra u kwindi certament mhix aktar interessata izjed li topera l-imsemmi 'Take-Away".*

Jekk din kienet l-ahhar decizjoni tal-attrici, ma jfissirx li tali decizjoni setghet titqies bhala wahda gustifikata fid-dawl ta' dak li kien gie miftiehem bejnha u bejn il-konvenut.

Illi "di diritto" ghandu jigi rilevat li ghalkemm il-probabilita' hija li l-attrici ma kienetx taf bil-"policy" dwar "Take-Away outlets" fil-mument li ffirmat l-iskrittura, tali nuqqas mhux bizzejjed biex jannulla l-iskrittura mhux biss ghax kien fatt facilment accertabbli qabel, imma wkoll ghaliex mhux rispekkjat jew rifless bhala kundizzjoni sine qua non tal-iskrittura. Apparti l-fatt li in segwitu anke dan il-permess irrizulta li seta' jinhareg ukoll. Huwa minnu li hemm decizjonijiet ta' dawn il-Qrati li segwew il-Giorgi ("Delle Obbligazioni") fis-sens li dwar l-izball il-kriterji huwa wiehed suggettiv, pero' fil-fehma ta' din il-Qorti dan mhux bizzejjed ghaliex l-izball irid ikun ukoll wiehed skuzabbli. M'huwiex certament zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fattijiet li ghalihom jirreferixxu dak l-izball ikunu facilment accertabbli – hekk ara Formosa vs Scicluna, Qorti tal-Kummerc, 15 ta' Frar 1950 u dan proprju ghar-raguni li "l-facli accertabilita' taghmel l-izball mhux skuzabbli"; ara wkoll Axisa vs Aquilina, Qorti tal-Appell, 28 ta' Marzu 1909. Multo magis meta l-kuntratt jew ftehim ikun wiehed li ma jimponix kundizzjonijiet fuq il-lokatur dwar il-hrug ta' permessi.

Issa li kieku d-divjet dwar l-ghoti ta' permessi ta' "take-away" kien wiehed assolut u irrevokabbli, allura forsi seta' jigi argomentat li soggettivament l-attrici dahhlet fi ftehim li qatt ma seta' jigi attivat imma l-fatt li wara sena u nofs dan il-permess seta' jinhareg ikompli juri li, bhal ma jigri spiss f'intrapriza ta' natura kummercjali, jidhol l-element ta' riskju li wara kollox huwa element intrinsiku ma intraprizi simili. Jekk, una volta li l-attrici kienet taf li permessi kien ghad m'hemmx u riedu jintalbu, u hija ma kienetx lesta tistenna, allura kien jinkombi fuqha li jew tissalvagwardja l-interessi taghha bl-inserzjoni ta' kundizzjoni appozita jew, alternattivament, taccerta ruhha minn qabel li tali permess seta' jinhareg bla dewmien u minghajr ebda diffikultajiet. In-nuqqas ghalhekk kien tal-attrici u mhux xort' ohra.

Dwar l-allegazzjoni ta' qerq fl-operat tal-konvenut, din il-Qorti bl-ebda mod ma rravizat xi haga f'dan is-sens min-naha tal-konvenut. Il-provi, kif fuq spjegati, juru proprju l-oppost. Mill-bqija la jirrizultaw raggiri u lanqas xi forma ta' ingann adoperat mill-konvenut. L-abbozz tal-ftehim, minkejja li giet redatt mill-konvenut stess, inghata f'idejn il-kontroparti. Din hadet iz-zmien taghha sabiex tezaminah, ikkonsultat ruhha dwaru ma' nutar, ipproponiet emendi, liema l-emendi ntlaqghu u gew inkorporati fil-ftehim min-naha tal-konvenut, saru erba' inkontri ghal fini ta' negozjati sakemm il-kuntratt finalment gie ffirmat. Jigi rilevat li in

kontro-ezami, ix-xhud Joseph Cauchi cahad li huma talbu xi emendi mill-abbozz originali – fatt li manifestament irrizulta li ma kienx minnu.

Ghaldaqstant ifisser li t-talbiet attrici m'humiex gustifikati u konsegwentement ma jirrizultawx fondati. Ghal kuntrarju, il-kontro-talbiet tal-parti konvenuta jirrizultaw sufficjentement ippruvati u ghandhom jintlaqghu.

Illi dwar id-danni pero' l-Qorti tirrileva li hemm diskrepanza notevoli bejn il-prospett fuq imsemmi imhejji mill-konvenut ghall-ammont ta' Lm7,256 – b'paragun ma' dak li talab fil-kontro-talba tieghu – u cjoe' Lm2,000 rapprezentanti l-bilanc miftiehem bhala rigal in konnessjoni mal-koncessjoni b'lokazzjoni tal-fond de quo u Lm543 dovuti bhala kera b'effett mill-iskadenza li bdiet fl-1 ta' Settembru 1993. Din id-diskrepanza m'hijiex frott ta' xi zball imma x'aktarx hija dovuta ghar-raguni li l-konvenut inkluda wkoll dawk l-ammonti li saru dovuti lilu wara l-prezentata tal-kontro-talba tieghu. Billi pero' dawn l-ammonti addizzjonali ma humiex inkluzi fl-istess kontro-talba ma jistghux ghalissa jigu meqjusin ghal fini ta' dan il-gudizzju ghaliex altrimenti din il-Qorti, li kieku kellha tinkludihom kienet tmur f'konsiderazzjonijiet "extra petita". Ghalhekk s'issa l-ammont dovut b'riferenza ghall-istanza in dizamina huwa limitat ghas-somma ta' Lm2,543 (elfejn hames mija u tlieta u erbghin lira Maltija).

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad it-talbiet kollha attrici kif dedotti; fit-tieni lok, tilqa' l-kontro-talbiet tal-konvenut u ghalhekk qeghda tikkundanna lill-attrici li thallas lill-konvenut is-somma ta' Lm2,543 flimkien mal-interessi kif mitluba sal-pagament effettiv – u b'rizerva espressa ta' kull azzjoni ohra futura spettanti lill-konvenut bil-ligi ghall-hlasijiet dovuta lilu wara l-prezentata ta' l-azzjoni prezenti.

Il-kap ta' l-ispejjez jithallas interament mill-attrici.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

*md*